MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 1/2011

**Publius Pisani**

**Vs**

**Cecilia Nesbitt**

Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta’ hdax-il elf mitejn u sitt ewro u tnejn u tletin centezmu (€11,206.32), bilanc minn somma ikbar dovuta bhala prezz ghal xoghol ta’ kostruzzjoni u finishing tal-fond numru 38, Triq Arcipriet Cassar, Rabat, Ghawdex li sar fuq inkarigu tal-konvenuta.

Il-konvenuta giet notifikata permezz ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni, u ma dehritx fis-seduta tat-23 ta’ Marzu 2011 u tal-lum.

Wara li l-qorti semghet lill-attur jixhed bil-gurament fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2011 u rat l-atti hi sodisfatta li l-hlas lill-attur hu dovut.

**Ghaldaqstant il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-tallba ta' l-attur u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hdax-il elf mitejn u sitt ewro u tnejn u tletin centezmu (€11,206.32).**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta u bl-imghax mil-lum**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------